LUQA

Minuti tal-Laqgħa Nru. 25 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 27 ta' April 2009 fl-4.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Joseph Piscopo A.Mus.L.C.M.<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| **Skużati :** | Dr. Frank Psaila |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. *Financial Statements 2008/2009*
5. *Quarterly Financial Report* Jan/Mar 2009
6. *Premises* tal-Kunsill
7. Programm Jum Ħal Luqa
8. Ħlasijiet

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru 24 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tas-Sur Joseph Scicluna ssekondata mis-Sur Victor Caruana.

## 2. REFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Riferenzi għall-Minuti ma kienx hemm.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza kollha li daħlet sas-27 ta' April 2009, fosthom ;

a) Memo 26/2009 li tikkonċerna l-Kuntratt ġdid dwar Ġbir ta' Skart Organiku.

b) Memo 25/2009 dwar Fondi Speċjali għal Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali. Il-Kunsill qabel li ssir applikazzjoni taħt din l-iskema għal fondi speċjali għal toroq milqutin ħażin minn vetturi goffi li joperaw mill-oqsma industrijali li jdawwru lil Ħal Luqa.

c) Memo 20/2009 dwar applikazzjonijiet għall-Programm *Leader.* Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-ġimgħat li għaddew saret applikazzjoni taħt dan il-programm permezz ta' l-aġenzija GAL li l-Kunsill huwa membru tagħha.

d) Email mid-DGL li tinforma bid-delega li ngħataw il-Kunsilli Lokali tal-Marsa, Gudja u Birzebbuġa għall-Infurzar tal-Liġi (L.E.S)

e) Ittra mill-Kappillan Dun Karm Camilleri dwar Pellegrinaġġ li se jsir nhar il-15 ta' Mejju 2009 fl-okkażjoni tat-375 sena tal-Parroċċa ta' Ħal Luqa, u tinfurmana bir-rotta li minnha se jgħaddi l-Pellegrinaġġ.

f) Email mill-AKL li tinforma dwar il-laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki (Reġjun tal-Majjistrall) li se ssir fit-8 u 9 ta' Mejju 2009 fil-*Palace Hotel* Sliema.

g) Ittra minn *St. Vincent de Paul Running Group* dwar il-maratona *sponsorship*. Il-Kunsill qabel li jimxi fuq l-istess għotja tas-sena ta' qabel.

h) Is-Sindku informa lill-Kunsill bil-laqgħa li saret mal-Prim Ministru f'Kastilja fil-15 ta' April 2009 dwar ir-Riforma tal-Kunsilli Lokali. Għal din il-laqgħa kienu mistiedna s-Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi.

i) Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li kien attenda għal laqgħa ma' l-Onor. Dr. Chris Said nhar il-Ġimgħa, 24 ta' April 2009 dwar is-sistema ta' l-Infurzar tal-Liġi.

- Ġiet innotata wkoll il-korrispondenza kollha tal-MEPA li daħlet sas-27 ta' April 2009.

## 4. FINANCIAL STATEMENTS 2008/2009

4.1 Is-Sindku qal li kopja tal-*Financial Statements* tal-Kunsill għas-sena 2008/2009 li għalqet fil-31 ta' Marzu 2009, kienet intbagħtet minn qabel. Għalhekk huwa talab għal mistoqsijiet jew kummenti dwarhom.

4.2 Wara diskussjoni, il-Kunsill unanimament approva l-*Financial Statements* 2008/2009 u li kopja tagħhom trid tiġi mgħoddija lill-Awditur Ġenerali tal-Gvern kif ukoll lill-Audituri tal-Kunsill maħturin mill-Gvern.

## 5. QUARTER FINANCIAL REPORT JAN/MAR 2009

5.1 Bħal fil-każ tal-*Financial Statement*, ir-Rapport Finanzjarju għat-tliet xhur Jannar/Marzu 2009 ġie approvat unanimament.

## 6. PREMISES TAL-KUNSILL

6.i Is-Sindku ta stampa ta' fejn waslu l-affarijiet ma' l-awtoritajiet konċernati biex isibu alternattiva li tilqa' lill-anzjani li preżentament jiffrekwentaw id-*Day Centre* fil-binja tal-Kunsill li tinsab f'173, Triq il-Ġdida.

6.ii Is-Sindku qal li l-Kunsill ilu mit-2006 jipprova jkollu uffiċċju aċċessibbli għal kulħadd. Il-Kunsill ipprova l-alternattivi kollha saħansitra talab għad-devoluzzjoni biex jingħata l-binja kollha ta' 49, Triq San Pawl. Liema devoluzzjoni qatt ma ġiet. L-awtoritajiet raw b'għajnejhom u kkonvinċew ruħhom li l-Kunsill mhuwiex aċċessibbli. L-iżjed issa li bir-riforma qegħda ssir enfasi qawwija li l-Kunsilli jridu jkunu aċċessibbli għal kulħadd.

6.iii Is-Sindku żied igħid illi l-Kunsill ipprova anke jgħin lill-Gvern ~entrali biex tinstab alternattiva, tant li kien il-Kunsill li ħa l-inizjattiva u kiteb lill-kurja biex tintuża Sala miċ-~entru Parrokkjali bħala Day Centre. Dan wara li ntlaħaq ftehim fil-prinċipju bejn il-Gvern u l-Kappillan. Issa bgħatnielhom anke '' reminder ''. Iżda xorta għadna lanqas *acknowledgement* qatt ma rċevejna. Qal ukoll li ntbagħtet ukoll '' reminder '' lill-Onor. Mario Galea li l-kuntratt tad-*Day Centre* jintemm fit-30 ta' Ġunju 2009, u li għalhekk id-Dipartiment tiegħu jara li sa dak inhar id-*Day Centre* jiġi żgumbrat ħalli minnufiħ jibda x-xogħol biex il-Kunsill jittrasferixxi l-uffiċċini tiegħu hemmhekk.

## 7. PROGRAMM JUM ĦAL LUQA

7.i Is-Sindku qal li s-Sotto Kumitat ilu jaħdem biex ifassal programm speċjali għal din is-sena. Ħaseb biex jagħmel programm fuq skala akbar.

7.ii Meta ta tagħrif fuq x'qed jiġi propost, is-Sindku qal li ċ-ċelebrazzjonijiet jibdew fil-15 ta' Mejju, Jum Ħal Luqa, bil-pellegrinaġġ mill-Knisja ta' Bir Miftuħ sal-Parroċċa. Ġie miftiehem biex ''Ġieħ Ħal Luqa'' jingħata il-Ħadd, 17 ta' Mejju filgħodu meta se jsiru marċi miż-żewġ baned tar-raħal. Qal ukoll li l-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet jintlaħaq is-Sibt, 23 ta' Mejju meta se ssir attivita' kbira u li mistenni jattendi għaliha l-President tar-Republika l-E.T. Dr George Abela.

LUQA

Fost affarijiet oħra l-programm jinkludi wkoll attivita' għall-anzjani u diversi wirjiet f'inħawi differenti tar-raħal.

7.2 Il-Viċi Sindku, is-Sur Joseph Scicluna qal li mit-tagħrif li ngħata fuq il-programm li qed jiġi propost, nikkonfermaw li dan se jsir fuq skala akbar mis-soltu. Dan ifisser ukoll li minħabba din l-okkazjoni speċjali l-ispiża se tkun akbar. Għalhekk kien qed jipproponi li l-Kunsill jalloka somma li tmur għal dan il-għan.

7.2.i Hawnhekk il-Viċi Sindku ssekondat mis-Sur Victor Caruana ressaq mozzjoni li tgħid illi l-Kunsill jalloka somma ta' mhux aktar minn €5,000 biex tagħmel tajjeb għall-ispejjez ta' dawk l-attivitajiet li qegħdin jittellgħu mill-Kunsill biex ifakkar il-375 sena ta' Ħal Luqa bħala Parroċċa.

7.2.ii Meta l-mozzjoni tressqet għall-voti, din ġiet approvata unanimament.

## 8. ĦLASIJIET

8.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sas-27 ta' April 2009 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fis-6.00 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

  - Konfermati llum 27 ta' Mejju 2009.

John Schembri
Sindku

Michael Borg
Segretarju Eżekuttiv